Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 130/2024

## It-Tlieta 14 ta' Mejju, 2024

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali Rabat Citta' Victoria |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |
| Dr. Marlene Cini | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Ta' Sannat |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |

### ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):

| | |
|---|---|
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali Nadur |

### ASSENTI:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali Fontana |

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr. Samuel Azzopardi ppresjeda l-Laqgħa.

## 130.1 Talba

130.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

## 130.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

130.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 129 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 130.3 Korrispondenza

130.3.1 Ir-Reġjun irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand l-E.T. Myriam Spiteri Debono, il-President ta' Malta tal-awguri li bagħat il-Kunsill Reġjonali fl-okkazzjoni tal-ħatra tagħha. Is-Sindku tal-Qala, is-Sur Paul Buttiġieġ issuġġerixxa li nitolbu biex issir laqgħa mal-President. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li ssir talba.

130.3.2 Fuq talba tar-Reġjun saret talba lill-ERA sabiex issir laqgħa mas-Sindki biex jiġi diskuss il-problemi ta' infurzar li hemm bżonn fuq il-ħruġ ta' żibel. L-uffiċċjali tal-ERA huma disponibbli nhar l-Erbgħa u Ħamis 22 u 23 ta' Mejju waqt il-ħin tax-xogħol għall-laqgħa online. Is-Sindki għandhom jinformaw lis-Segretarju Eżekuttiv dwar id-disponibbilta' tagħhom.

130.3.3 Ir-Reġjun irċieva Ċirkulari 4/2024 dwar l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (8 ta' Ġunju 2024). Is-Sindki ġew informati li ċ-ċerimonja tal-ġurament tal-ħatra ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju tard wara nofsinhar.

130.3.4 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand il-Prof. Maria Frendo f'isem il-Victoria International Arts Festival dwar kollaborazzjoni mar-Reġjun Għawdex biex jiġi organizzat il-ftuh tal-festival li ilu jsir għal dawn l-aħħar 27 sena. Huma talbu l-kollaborazzjoni tar-Reġjun kif sar fis-sena 2023. Il-President issuġġerixxa li jiġi allokat is-somma ta' €15,000 għal dan il-għan peress li dan jikkontribwixxi b'mod qawwi fit-turiżmu kulturali. Is-Sindku taż-Żebbuġ ma qablitx ma dan l-ammont iżda l-membri preżenti l-oħra qablu. Il-President informa lill-membri li ser jingħataw biljetti għall-kunċert.

## 130.4 Addendum tal-Kuntratt tal-Ġbir tal-iskart.

130.4.1 Peress li l-accountant tar-Reġjun Għawdex ma kienx disponibbli f'dan il-ħin nbidlet l-ordni tal-aġenda.

130.4.2 Il-membri preżenti ġew infurmati li l-addendum tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart taċ-ċimiterji u skart kummerċjali riċikklabbli ser jiskadi dan ix-xahar. Ir-Reġjun ġie mitlub mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jitlob kwotazzjoni għal dawn is-servizzi. Il-kwotazzjoni l-ġdida tammonta għal madwar €190,000 (eskluż il-VAT). Dan l-ammont huwa għal sena. Is-Segretarja nfurmathom li hi ġiet mitluba tara jekk dawn is-servizzi addizzjonali humiex bżonnjużi. Ir-Reġjun Għawdex ser jiġi rimborsat mingħand id-Diviżjoni Gvern Lokali tal-ispejjeż tal-ġabra riċikklabbli kummerċjali peress li l-PRO's mhux qed jaċċettaw din il-ġabra addizzjonali. Pero, il-ġbir addizzjonali taċ-ċimiterji (i.e, organic u sewda) jridu jiġi mħallsa mill-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li sar eżerċizzju mill-Maniġer inkarigat mil ġbir tal-iskart.

Minn dan l-eżerċiżżju rriżulta li ftit biss miċ-ċimiterji qed jinġabrilhom l-iskart mill-kuntrattur tar-Reġjun. Qed ikun hemm mezzi oħra ta' kif l-iskart qed jinġabar miċ-ċimiterji, fosthom mill-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali stess, Gvern Ċentrali, kuntratturi privati nkarigati mill-parroċċi, eċċ. Saret diskussjoni fost il-membri. Ġie deċiż li s-servizz tal-ġabra addizzjonali taċ-ċimiterji ma tiġix estiża. Għalhekk kull Kunsill għandu jara li jkollu mezz ta' kif l-iskart taċ-ċimiterji ser jinġabar. B'hekk il-Kunsilli ser jiffrankaw (€26,000 eskluż il-VAT).

**130.5 <u>Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart (Jannar-Marzu 2024).</u>**

130.5.1 Kien preżenti l-accountant tar-Reġjun, is-Sur Daniel Galea. Ir-rapport kien ġie ċċirkulat lill-kull membru qabel il-laqgħa. Fl-ewwel kwart tas-sena 2024 ir-Reġjun qed juri deficit ta' madwar €319,000. Dan minħabba l-fatt li r-Reġjun ħallas lill-Kunsilli l-fondi tal-iskemi f'dan il-kwart. Ir-Reġjun m'għandux dejn peress li għandu fondi riservati ta' madwar €900,000.

130.5.2 Ir-rapport ta' kull kwart Jannar-Marzu 2024 ġie approvat.

**130.6 <u>Reġjun Kulturali 2025.</u>**

130.6.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand l-Arts Council Malta dwar ir-Regional Cultural Cooperation Programme. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni talbu sabiex id-deadline tiġi posposta minħabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, iżda din it-talba ma ntlaqatx. Ir-Regjun Għawdex jista japplika għal fond ta' €20,000 u ma' dawn ir-Reġjun jrid joħroġ €4,000. Ir-Reġjun ser japplika sabiex juża dawn il-fondi bħala parti mis-sena Kulturali 2025. Dawn il-fondi jistgħu jintużaw fil-ftuħ tas-sena b'attivita' kbira. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

130.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-logos li ġew ippreżentati lir-Reġjun għas-sena tal-Kultura 2025. Dan wara li ħarġet talba għal kwotazzjonijiet. Kien hemm tlett offerti bil-prezzijiet ta' €1699.20, €22,140 u €2,800 (eskluż il-VAT). Ġew ippreżentati proposti mingħand it-tnejn l-aktar vantaġġjużi u dawn ippreżentaw diversi logos. Il-President spjega li l-logo għandu jkun sempliċi sabiex ikun jista' jintuża kullimkien u fuq kollox. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-kelma "Gozo" tiġi miżjuda ma' dik li ġiet magħżula. Din għandha tintbagħat lis-Sindki meta tiġi riveduta.

130.6.3 Ir-Reġjun għandu bżonn jinkariga Artistic Director sabiex jieħu ħsieb l-avvenimenti inkonnessjoni mal-Gozo Region of Culture 2025. Għal dan l-għan ir-Reġjun talab direzzjoni mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni Gvern Lokali ta' kif għandha tinħareġ din is-sejħa.

**130.7 <u>Dati għas-Summer Camp għat-tfal mill-Ukrajna.</u>**

130.7.1 Il-membri preżenti ġew informati li r-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand AUC International (Association of Ukrainian Cities) fejn infurmawna li hemm għaxart itfal bejn l-etajiet ta' 11 u 13 il-sena u adult li ser jipparteċipaw fil-kamp din is-sena. Dawn huma tfal li jgħixu fil-fruntiera mar-Russja.

Il-President talab l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali għal dan is-summer camp ta' ġimgħa. Is-Sindku taż-Żebbuġ staqsiet jekk hux ser ikun hemm sejħa għall-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ser ikun hemm sejħa, iżda ġibdet l-attenzjoni li dawn iridu jiġu akkommodati fil-viċinanza ta' min ser ikun risponsabbli minnhom.

Kompliet tgħid li fis-sena preċedenti ġieli rċeviet telefonati fit-3 ta' filgħodu. Ikun hemm bżonn li jmur xi ħadd fejnhom f'dawk il-ħinijiet. Il-membri preżenti kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom għal dan il-għan. Il-maniġers risponsabbli minnhom talbu sabiex id-dati jkunu bejn 20 u 31 ta' Awwissu 2024, sabiex ikunu disponibbli huma wkoll. Is-Sindki ma sabux oġġezzjoni għal dawn id-dati.

**130.8 <u>Materji Oħra.</u>**

130.8.1 Is-Sindku ta' San Lawrenz, is-Sur Noel Formosa ġibed l-attenzjoni li fiċ-Ċirkulari 17/2023 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2023 hemm stipulat li l-awditjar tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali ta' Għawdex għandhom jiġu konkluż sat-2 ta' Mejju mentri Reġjuni oħra għandhom sat-28 ta' Ġunju. Peress li l-awditjar tal-Kunsilli Għawdxin ma jibdewx qabel ta' Malta dan mhux ġust. Għalhekk ir-Reġjun għandu jitlob li fil-futur għandu jkun hemm sistema ta' rotazzjoni ħalli mhux dejjem il-Kunsilli Għawdxin ikunu fi żvantaġġ. Kien hemm qbil dwar dan is-suġġeriment.

**130.9 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.</u>**

130.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 142 li kienet tammonta għal €163,585.70.

**130.10 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

128.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:40 hrs u ġiet aġġornata sine die.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |